# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## tas-6 ta' Diċembru 2012

## li taħtar membru Ġermaniż u membru supplenti Ġermaniż fil-Kumitat tar-Reġjuni

(2012/760/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 305 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Gvern Ġermaniż,

Billi:

(1) Fit-22 ta' Diċembru 2009 u fit-18 ta' Jannar 2010, il-Kunsill adotta d-Deċiżjonijiet 2009/1014/UE [1] u 2010/29/UE [2] li jaħtru l-membri u l-membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2010 sal-25 ta' Jannar 2015.

(2) Konsegwentement għat-tmiem tal-mandat tas-Sur Heinz MAURUS sar vakanti siġġu ta' membru fil-Kumitat tar-Reġjuni.

(3) Konsegwentement għat-tmiem tal-mandat ta' Dr Ekkehard KLUG sar vakanti siġġu ta' membru supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Huma b'dan maħturin fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, jiġifieri sal-25 ta' Jannar 2015:

(a) bħala membru:

— is-Sinjura Anke SPOORENDONK, *Ministerin für Justiz, Kultur und Europa*

u

(b) bħala membru supplenti:

— is-Sur Eberhard SCHMIDT-ELSAESSER, *Staats-sekretär*.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha ssir effettiva fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, is-6 ta' Diċembru 2012.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

S. CHARALAMBOUS

[1] ĠU L 348, 29.12.2009, p. 22.

[2] ĠU L 12, 19.1.2010, p. 11.